Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 182/2015

**WDM International Limited**

**Vs**

**Knight Music (2007) Ltd**

14 ta' Mejju, 2018.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-18 ta' Gunju, 2015 l-attrici harrket lill-konvenuta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas ta' €3,776 ghal servizz ta' auditing.

2. Permezz ta' twegiba prezentata fl-14 ta' Lulju, 2015 il-konvenuta wiegbet li t-talba tal-attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attrici.

3. Sussegwentement permezz ta' twegiba ohra prezentata fit-2 ta' Novembru 2015, il-konvenuta qalet li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

4. B'sentenza tal-5 ta' Lulju, 2017 l-ewwel qorti:

   i. Cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;
   ii. Iddecidiet il-meritu billi cahdet l-eccezzjoni ghaliex il-konvenuta ma tatx prova li hallset id-dejn.

5. B'rikors prezentat fl-24 ta' Lulju, 2017 il-konvenuta appellata mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

   i. L-ewwel qorti ddecidiet ukoll il-meritu tal-kawza meta kellha tiddeciedi biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.
   ii. Il-konvenuta ma nghatatx l-opportunita li tressaq provi dwar l-eccezzjoni l-ohra.

6. Bi twegiba prezentata fit-8 ta' Awissu 2017, l-attrici argumentat li ma kienx baqa' provi x'jitressqu. Kompliet li kien minnu li n-noti ta' sottomissjonijiet saru fuq l-eccezzjonijiet preliminari, izda l-kawza thalliet ghas-sentenza. Minn

imkien ma jirrizulta li l-kawza kienet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni biss. Pero qalet ukoll, *"Illi minkejja s-suespost l-esponenti taqbel li proceduralment l-Ewwel Qorti setghet naqset izda zgur mhux fil-gravita esposta mill-appellanti. Illi l-esponenti tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti b'dana illi l-ispejjez m'ghandhiex tbaghtihom hi".*

7. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

8. Mill-atti jirrizulta li:

    i. Kull parti ressqet il-provi taghha.

    ii. Fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2016 id-difensur tal-konvenuta ddikjara li m'ghandhiex iktar provi xi tressaq dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-kawza thalliet ghall-provi tal-attrici dwar dik l-eccezzjoni.

    iii. Fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2017 gie verbalizzat:

    *"Il-qorti qeghda takkorda zmien lil Dr Frank Cassar sal-1 ta' April 2017 biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fuq il-preskrizzjoni tieghu bil-visto tal-kontro-parti li ghandu zmien sas-26 ta' April 2017 ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet fuq il-preskrizzjoni responsiva".*

    iv. Fit-3 ta' April, 2017 il-konvenuta pprezentat nota ta' sottomissjonijiet li tindirizza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

    v. Fis-seduta tas-26 ta' April, 2017 il-qorti osservat li d-difensur tal-attrici kien baghat in-nota ta' sottomissjonijet u li wkoll tindirizza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

    vi. Jirrizulta wkoll li fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2017 saret trattazzjoni u fil-5 ta' Lulju, 2017 il-qorti ddecidiet il-kawza. M'hemmx provi li jindikaw li saru sottomissjonijet dwar il-meritu.

9. Meta l-qorti tqies dak li gie registrat fil-verbal tat-22 ta' Frar, 2017 m'ghandha l-ebda dubju li kien hemm qbil li l-ewwel tinghata sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Hekk biss il-qorti tista' tifhem l-oghti ta' zmien lil kull parti biex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-verbal mhemmx per ezempju dikjarazzjoni li dwar il-meritu l-partijiet ma kellhomx sottomissjonijiet x'jaghmlu. Hekk ukoll il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2016 ikompli jaghti lill-qorti x'tifhem li f'dak l-istadju tal-proceduri kienet qeghda tigi ndirizzata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Wara dakinhar ma jirrizultax li l-ewwel qorti rrevokat jew varjat dik l-ordni. Hekk per ezempju ma jirrizultax li t-trattazzjoni saret ukoll dwar il-meritu tal-kawza.

10. Peress li l-konvenuta ma pproponiet l-ebda aggravju dwar il-kap tas-sentenza li jindirizza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, illum dik il-parti tas-sentenza hi gudikat. F'kull kaz il-qorti tosserva li l-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami gialadarba l-attrici hi kumpannija. L-imsemmija disposizzjoni tapplika ghal persuna li tezercita professjoni jew arti liberali. Kumpannija limitata ma tezercitax il-professjoni ta' awditur. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza **John R Portelli nomine vs C. Fino & Sons Limited** tas-7 ta' Ottubru, 1997 fejn il-Qorti tal-Appell (Superjuri) li b'riferenza ghall-artikolu 2149(c) qalet:

> *"Kif sewwa ssottometta l-attur nominee appellat is-socjeta attrici hija agenzija ta' reklamar, hija dik maghrufa bhala service industry u la hija professjoni u lanqas artista. Hija timpjega nies ohra, bhal ma huma fotografi, pero' s-servizz li toffri hu dak ta' reklamar u hija socjeta kummercjali. **Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attivita' kummercjali ma tistax tigi kkunsidrata bhala professjoni jew arti liberali**".*

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-5 ta' Lulju, 2017 fis-sens li thassar biss dik il-parti li ddecidiet il-meritu tal-kawza u cahdet l-ewwel eccezzjoni (fol. 20) u kkundannat lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef seba' mija u sitta u sebghin ewro (€3,776). Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**

**Spejjez tal-ewwel istanza jkunu:**

i. **A karigu tal-konvenuta fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**
ii. **Bla taxxa fir-rigward tat-talba tal-attrici gialadarba mhemmx rebbieh u tellief.**

**Spejjez tal-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet peress li mhu tort ta' ebda parti li l-ewwel qorti ddecidiet ukoll il-meritu.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex il-kawza tissokta tinstema' dwar il-meritu.**

Anthony Ellul.